2104	Sopop u brodi u preparati għalihom; preparazzjonijiet komposti ta' ikel, omoġenizzati:		
2104 10 00	-Sopop u brodijiet u tħejjijiet għalihom	50	
2106	Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra:		
2106 10 00	-Konċentrat tal-proteini u sustanzi ta' proteini b'konsistenza	5	
2207	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80% vol jew aktar; alkoħol etiliku u xorb spirituż ieħor, żnaturati, ta' kull qawwa:		
2207 10 10	-Alkoħol etilu mhux żnaturat ta' saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80% jew aktar, ikkundizzjonat għall-industrija, fi krietel jew kontenituri ta' kontenut ta' piż nett ta' 150 Kg jew aktar	7	
3301	Żjut essenzjali (mingħajr terpene jew bit-terpene), inklużi l-konkreti u l-assoluti; sustanzi tar-raża; oleorażi estratti; konċentrat ta' essential oils fix-xaħam, żjut fixed, xamgħa jew simili, miksuba bl-enfleurage jew bil-maċerazzjoni; prodotti sekondarji terpeniċi residwali tad-deterpenazzjoni ta' żjut essenzjali; ilmjijiet aromatiċi distillati u soluzzjonijiet milwiema ta' żjut essenzjali:		
3301 90 00	-Oħrajn	10	

**Tabella 6: Prodotti soġġetti għal liberalizzazzjoni lineari tad-dazji fuq oġġetti importati matul perijodu ta' 6 snin**

**Skeda**

Sena (S)	DF S	Y2	Y3	Y4	Y5	Y6	Y7	Y8	Y9	Y10	Y11	Y12
<b>% ta' tnaqqis</b>		17	33	50	67	83	100					

Kodiċi Sirjana	Deskrizzjoni	Dazju (%) <sup>7</sup>
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra miksuba mill-ħalib; pejsts tal-prodotti tal-ħalib:	
Ex 0405 20 00	-Pejsts tal-prodotti tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, li ma jkunx aktar minn 75%:	20
0903 0903 00 20	Matè - - -Preparat u lest għall-konsum	20
1904 1904 30 00	Ikel ippipparat bl-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, il-cornflakes); ċereali (li mhux qamħirrun (qamħ)) fforma ta' frak jew forma ta' laqx jew frak ieħor maħduma (ħlief għad-dqiq, xgħir u barli mitħun oħxon u dqiq oħxon) imsajra minn qabel jew ippipparat mod ieħor, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor: --Qamħ bulgur	20
2102 2102 30 00	Ħmira (attiva jew inattiva); mikro-organiżmi uniċellulari oħra, mejta (imma ma humiex inklużi l-vaċċini li jidhru taħt l-intestatura Nru 3002); ħnejja artifiċjali (baking powders) imħejjija: -Trabijiet tal-ħami ppreparati	20
2207	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80% vol jew aktar; alkoħol etiliku u xorb spirituż ieħor, żnaturati, ta' kull qawwa:	

<sup>7</sup>

Id-dazju għandu jitneħħa skont l-is-keda msemmija fuq it-tabella.

2207 10 90	-Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika, bil-volum, ta' 80 % vol jew aktar	20
2207 20 00	-Alkoħol etiliku u spirti oħra, żnaturati, ta' liema qawwa tkun	20
2208	Alkoħol etiliku mhux denaturizzat ta' saħħa alkoħolika bħala volum ta' anqas minn 80% vol; spirti, likuri u xorb alkoħoliku ieħor:  -Oħrajn:	
2208 90 10	---Alkoħol etilu jew spirti newtrali, mhux denaturizzat, ta' saħħa alkoħolika bil-volum ta' anqas minn 80% val	20
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, magħmula mit-tabakk jew ta' sostituti tat-tabakk:	
2402 20 00	-Sigarretti li fihom it-tabakk	20
2403	Tabakk manifatturat ieħor u sostituti tat-tabakk manifatturati; tabakk "omoġenizzat" jew "rikostitwit"; estratti u essenzi tat-tabakk:	
2403 10 00	-Tabakk tat-tipjip, sew jekk fih xi sostituti tat-tabakk f'xi proporzjon u sew jekk le  -Oħrajn:	20
2403 91 00	-Tabakk "omoġenizzat" jew "rikostitwit"	20
2403 99 00	-Oħrajn:	20

**Tabella 7: Prodotti soġġetti għal liberalizzazzjoni lineari tad-dazji fuq oġġetti importati matul perijodu ta' 12 snin**

**Skeda**

Sena (S)	DF S	Y2	Y3	Y4	Y5	Y6	Y7	Y8	Y9	Y10	Y11	Y12
<b>% ta' tnaqqis</b>	8	17	25	33	42	50	58	67	75	83	92	100

Kodiċi Sirjana	Deskrizzjoni	Dazju (%) <sup>8</sup>
0403	Xorrox tal-butir, ħalib u krema imbaqata, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew aċidifikati, sew jekk ikkonċentrat i jew fihom zokkor jew sustanza oħrajn ta' ħlewwa miżjudha jew imħawra jew fihom żieda ta' frott, ġewż jew kawkaw u sew jekk le:	
Ex 0403 10 00	- Jogurt, imħawwar jew li jkun fih frott, lewż jew kawkaw miżjudha, fforma ta' trab, granuli jew forom solidi oħra	30
Ex 0403 90 00	- Oħrajn, imħawra jew li jkun fihom frott, lewż jew kawkaw miżjudha, fforma ta' trab, granuli jew forom solidi oħra	30
0502	Lanżit u xagħar tal-qżieqeż, il-ħnieżer imsewwija jew il-ħnieżer tar-refgħa; ix-xagħar tal-baġer u xagħar ieħor li bih jagħmlu l-ixkpilji; l-iskart tal-lanżit jew xagħar ta' din ix-xorta:	
0502 10 00	Lanżit u xagħar tal-qżieqeż, il-ħnieżer imsewwija jew il-ħnieżer tar-refgħa u l-iskart tagħhom	50
0507	Ivorju, qoxra ta' fekruna, (għadma tal-) baliena u d-daqna tal-baliena, qran, qran imsaġġra, qawqab, dwiefer, dwiefer tal-annimali u mnaqar, li ma humiex maħduma jew imħejjija b'mod sempliċi imma ma humiex maqtugħha f'xi forma; trab u skart ta' dawn il-prodotti:	
0507 10 00	-Avorju; trab u skart tal-avorju	30
0507 90 00	-Oħrajn	30

<sup>8</sup>

Id-dazju għandu jitneħħa skont l-iskeda msemmija fuq it-tabella.

0508 00 00	Korall u materjal simili, li mhux maħdum jew sempliċement imhejjji imma ma huwiex maħdum aktar minn hekk; qxur tal-molluski, krustaċej jew ekinodermi u għadam tas-siċċ, mhux maħduma jew sempliċement imħejjija imma mhux maqtugħha f'xi forma, trab u skart li joħroġ minnhom	30
0511 99 20	Sponoż naturali li joriġinaw mill-annimali	30
0710	Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew fil-mišun jagħli), iffriżati:	
0710 40 00	-Qamħirrum ħelu	50
0711	Ħxejjex preservati qabel (per eżempju, b'gas sulphur dioxide, fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet preservattivi oħra), iżda mhux tajba għall-konsum immedja f'dak l-istat:	
Ex 0711 90 00	Ħaxix ieħor; tahlitet ta' ħxejjex: (d)qamħirrum	50
1404	Prodotti veġetal li mħumiex spċificati jew inklużi band'oħra:	
1404 20 00	Fibri qsar tal-qoton (linters)	50
1704	Prodotti tal-ħelu taz-zokkor (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma jkunx fihom kawkaw:	
1704 10 00	Ċjuwing-ġamm, sew jekk miksi biz-zokkor u sew le:	50
1704 90 00	-Oħrajn:	50
1806	Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw:	
1806 10	Trab tal-kawkaw, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjudha:	
1806 10 90	-Oħrajn	30
1806 20 00	Preparazzjonijiet oħra fforma ta' blokki, ċangaturi, jew ċikkulata sħiħa li jiżnu aktar minn 2 kg jew forma ta' likwidu, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fil-kwantità fkontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg:  -Oħrajn, bħala blokki, ċangaturi jew biċċet sħaħ:	50
1806 31 00	-Mimlija	50
1806 32 00	-Mhux mimlija	50
1806 90 00	-Oħrajn:	50

1902	Għażin, imsajjar jew nej jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħra) jew ippreparat mod ieħor bħal spaghetti, mqarrun, noodles, lażanja, njokki, ravjul, kannelloni, kuskus, ippreparati jew le:  -Għażin mhux misjur, mhux mimli jew imħejji mod ieħor:	
1902 11 00	-Li fihom il-bajd	50
1902 19 00	-Oħrajn:	
Ex 1902 20 00	-Għażin mimli msajjar jew ippreparat b'mod ieħor jew le (minbarra dak li fi aktar minn 20% fil-piż ta' ħut, krostaċi, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra minbarra dak li fi aktar minn 20% bil-piż ta' zalzett u simili, ta' laħam u ġewwieni tal-annimali ta' kull tip, inklużi xaħmijiet ta' kull tip jew oriġini)	50
1902 30 00	-Għażin ieħor	50
1902 40 00	-Kuskus:	30
1903 00 00	Tapioca u sostituti tagħha ippreparati mill-lamtu fil-forma ta' flejks, granuli, perli, mgħarbla, jew f'forom simili	50
1904	Ikel ippreparat bl-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, il-cornflakes); ċereali (li mhux qamħirrun (qamħ)) fforma ta' frak jew forma ta' laqx jew frak ieħor maħduma (ħlief għad-diqiq, xgħir u barli mitħun oħxon u dqiċx oħxon) imsajra minn qabel jew ippreparat mod ieħor, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:	
1904 10 00	-Ikel imħejji bl-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali	50
1904 20 00	-Ikel ippreparat miksub minn flejks taċ-ċereali mhux mixwija jew minn ta' flejks taċ-ċereali mhux mixwija u flejks taċ-ċereali mixwija jew ċereali minfuħa  Oħrajn:	50
1904 90 00	-Oħrajn	50
1905	Ħobż, għażina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara, sew jekk fihom il-kawkaw sew jekk le; ostji għat-tqrbin, siġilli vojta tajbin għal użu farmaċewtiku, ostji għas-siġilli, karta tar-ross u prodotti simili:	
1905 10 00	-Ħobż iqarmeċ	50
1905 20 00	-Kejk imħawwar bil-ġingher u simili  -Gallettini ħelwin; waffles u wejfers:	50
1905 31 00	--Gallettini ħelwin	50
1905 39 00	--Waffles u wejfers	50

1905 40 00	-Biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti mixwija simili	50
1905 90 00	-Oħrajn	50
2001 90	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati fil-ħall jew l-aċtu aċetiku: -Oħrajn	
Ex 2001 90 00	-Qamħirrun ħelu (Zea mays var. saccharata)	50
Ex 2001 90 00	-Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili li jittieku tal-pjanti li fihom 5% jew aktar, bil-piż, ta' lamtu:	50
Ex 2001 90 00	-Qlub tal-palm	50
2004	Ħaxix ieħor imħejji jew ippreservat mod ieħor milli fil-ħall jew l-ċċtu aċetiku, ififfrizat, minbarra l-prodotti li jidhru taħt l-intestatura Nru 2006	
Ex 2004 10 00	-F'forma ta' dqiq, qamħ mitħun oħxon jew qxur	50
Ex 2004 90 00	-Ħaxix ieħor u taħlilit tal-ħaxix: Qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata)	50
2005	Ħaxix ieħor imħejji jew ippreservat mod ieħor milli fil-ħall jew l-ċċtu aċetiku, mhux ififfrizat, minbarra l-prodotti li jidhru taħt l-intestatura Nru 2006	
2005 20	-Patata:	
Ex 2005 20 90	-F'forma ta' dqiq, qamħ mitħun oħxon jew qxur	50
2005 80 00	Qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata)	50
2008	Frott, lewż u partijiet oħra tal-pjanti li jittieku, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, sew jekk ikun fihom iz-zokkor jew xi materja oħra li tagħti l-ħlewwa jew xi spirtu miżjudha u sew jekk le, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:  Lewż, lewż mitħun u żerriegħa oħra, sew jekk imħallta flimkien jew le:	
2008 11	Lewż mitħun:	
2008 11 10	--Butir tal-karawett	50
	-Ieħor, inklużi taħlilit minbarra dawk li jidhru taħt l-intestatura Nru 2008 19:	
2008 91 00	-Qlub tal-palm	50

Ex 2008 99 00	-Oħrajn: Qamħirrum (qamħ) ħlief il-qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata), mingħajr spirti jew zokkor miżjudha	50
Ex 2008 99 00	-Oħrajn: Ġammijiet, patata ħelwa u partijiet simili li jittiekklu tal-pjanti li fihom 5% jew aktar, bil-piż, lamtu	50
2104	Sopop u brodi u preparati ġħalihom; preparazzjonijiet komposti ta' ikel, omoġenizzati:	
2104 20 00	-Preparazzjonijiet tal-ikel komposti omoġenizzati	40
2105 00	Ġelati u silġ ieħor li jittiekel, kemm jekk ikun fih il-kawkaw u kemm jekk le	50
2106	Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra:  -Oħrajn	
Ex 2106 90 90	-Oħrajn: Li ma fihomx sustanzi grassi tal-ħalib, zokkorosju, isoglukosju, glukosju jew lamtu jew li, bil-piż, fihom anqas minn 1.5% sustanza grassa tal-ħalib, 5% zokkorosju jew isoglukosju, 5% glukosju jew lamtu	50
Ex 2106 90 90	-Oħrajn: Oħrajn	50
2201	Ilma, inkluż ilma minerali naturali jew artifiċjali u ilma effervexxenti, li ma fihx zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew togħma miżjudha; silġ u borra:	
2201 10 00	-Ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti	50
2201 90 00	-Oħrajn	50
2202	Ilma, inkluż ilma minerali u ilma effervexxenti, li fihom zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjudha jew togħma, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux inkluż sugu tal-frott jew tal-ħaxix skont l-intestatura Nru 2009	
2202 10 00	-Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u effervexxenti, li fihom zokkor miżjud jew xi Ohrajnta' ħlewwa miżjudha u fihom togħma	50
2202 90 00	-Oħrajn	50
2203 00 00	Birra magħmulu mix-xgħir:	50
2205	Vermut jew inbid ieħor magħmul mill-ghenab frisk u b'togħma ta' ħxejjex jew sustanzi aromatiċi:	
2205 10 00	-F'kontenituri li jesgħu 2 litri jew anqas	50
2205 90 00	-Oħrajn	50
2208	Alkoħol etiliku mhux denaturizzat ta' saħħa alkoħolika bħala volum ta' anqas minn 80% vol; spirti, likuri u xorb alkoħoliku ieħor:	

2208 20 00	-Spirti miksuba permezz tad-distillazzjoni tal-inbid tal-għeneb jew tal-fdal tal-għeneb	50
2208 30 00	-Wiski	50
2208 40 00	-Rum u spirti oħra miksub permezz tad-distillazzjoni ta' prodotti miz-zokkor tal-kannamieli ffermentati	50
2208 50 00	-Ġinn u Ġnibru	50
2208 60 00	-Vodka	50
2208 70 00	-Likuri u kurdjali	50
	-Oħrajn:	
2208 90 90	--Oħrajn	50
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, magħmula mit-tabakk jew ta' sostituti tat-tabakk:	
2402 10 00	Sigarri, cheroots u sigarri żgħar, li fihom it-tabakk	50
2402 90 00	-Oħrajn	50
3302	Taħlitiet ta' sustanzi fragranti u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) ibbażati fuq waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użat bħala materja prima fl-industrija; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi bir-riħa, ta' tip użati għall-manifattura ta' xarbiet:	
3302 10	-Ta' tip użat fl-industriji tal-ikel jew tax-xorb	
3302 10 10	--Komposti alkoħoliċi proċessati (komposti estratti b'bażiċijet aromatiċi, għall-użu fix-xarbiet alkoħoliċi	50

**PROTOKOLL 6**  
**DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA'**  
**'PRODOTTI LI JORIĠINAW' U**  
**METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

## WERREJ

### **TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

Artikolu 1 Id-definizzjonijiet

### **TITOLU II TIFSIRA TAL-KUNĊETT TA' 'PRODOTTI LI JORIĠINAW'**

Artikolu 2 Ħtiġijiet ġenerali

Artikolu 3 Akkumulazzjoni fil-Komunità

Artikolu 4 Akkumulazzjoni fis-Sirja

Artikolu 5 Prodotti miksuba kollha kemm huma

Artikolu 6 Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

Artikolu 7 Xogħol jew proċessar insuffiċjenti

Artikolu 8 L-unità ta' kwalifika

Artikolu 9 Aċċessorji, spare parts u għodod

Artikolu 10 Settijiet

Artikolu 11 Elementi newtrali

### **TITOLU III REKWITI TERRITORJALI**

Artikolu 12 Il-prinċipju tat-territorjalità

Artikolu 13 Trasport dirett

Artikolu 14 Wirjet

### **TITOLU IV RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI**

Artikolu 15 Projbizzjoni ta' ħlas lura ta', jew eżenzjoni minn, taxxi tas-sisa

## **TITOLU V PROVI TAL-ORIġINI**

- Artikolu 16 Ħtiġijiet ġeneralni
- Artikolu 17 Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED
- Artikolu 18 Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED maħruġ b'mod retrospettiv
- Artikolu 19 L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 tad-duplikat taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED.
- Artikolu 20 Ħruq ta' ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED fuq il-bażi ta' provi ta' oriġini maħruġa jew miktuba minn qabel
- Artikolu 21 Segregazzjoni tal-kontijiet
- Artikolu 22 Kundizzjonijiet għat-tfassil ta' dikjarazzjoni ta' fattura jew ta' dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED
- Artikolu 23 Esportatur approvat
- Artikolu 24 Validità ta' prova ta' oriġini
- Artikolu 25 Preżentazzjoni ta' prova ta' oriġini
- Artikolu 26 Importazzjoni rateali
- Artikolu 27 Eżenzjonijiet mill-prova ta' oriġini
- Artikolu 28 Dokumenti ta' sostenn
- Artikolu 29 Il-preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn
- Artikolu 30 Diskrepanzi u żbalji formali
- Artikolu 31 Ammonti espressi feuro

## **TITOLU VI ARRANġAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

- Artikolu 32 Assistenza reċiproka
- Artikolu 33 Verifika tal-prova ta' oriġini
- Artikolu 34 Soluzzjoni ta' disputi
- Artikolu 35 Pieni
- Artikolu 36 Żoni ħiesa

## **TITOLU VII CEUTA U MELILLA**

Artikolu 37	Applikazzjoni tal-Protokoll
Artikolu 38	Kundizzjonijiet speċjali
<b>TITOLU VIII DISPOŻIZZJONIET FINALI</b>	
Artikolu 39	Emendi għall-Protokoll
Artikolu 40	Disposizzjonijiet transitorji dwar ogħetti li jkunu qegħdin jinġarru jew maħżuna

## **Lista ta' Annessi**

Anness I: Noti introduttori għal-lista fl-Anness II

L-Anness II: Lista tal-ħidma jew l-ipproċessar meħtieġ li jrid isir fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott immanifatturat jista' jikseb status oriġinanti

Kampjuni ta' ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 u applikazzjoni għal ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1

Mudelli ta' ċertifikat ta' moviment EUR-1 u ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR-1

Anness III b: Mudelli ta' ċertifikat ta' moviment EUR-MED u ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR-MED

Anness IV a: Test tad-dikjarazzjoni ta' fattura

Anness IV b: Test tad-dikjarazzjoni tal-fattura tal-EUR-MED

## **Dikjarazzjonijiet konguuti**

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Principaliità ta' Andorra

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

## TITOLU I

### GENERAL PROVISIONS

#### *Artikolu 1*

##### **Id-definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

1. (a) “manifattura” tfisser kull tip ta' xogħol jew ipproċessar inkluż l-armar jew operazzjonijiet spċifici;
2. (b) “materjal” tfisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użati fil-manifattura tal-prodott; (c)
3. (c) “prodott” tfisser il-prodott li jkun qiegħed ikun manifatturat, anki jekk ikun maħsub għall-użu aktar tard f'operazzjoni ta' manifattura oħra;
4. (d) ‘oġġetti’ tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;
5. (e) ‘valur għad-dwana’ tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (Ftehim tal-WTO dwar il-valutazzjoni għad-dwana);
6. (f) ‘prezz mill-fabbrika’ tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur, fil-Komunità jew fis-Sirja, li jkun sar l-aħħar xogħol jew ipproċessar fl-intrapriża tiegħu, sakemm il-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, imnaqqas b'xi taxxi esterni li jkunu, jew jistgħu jkunu, rimborżati meta l-prodott ottenut ikun esportat;
7. (g) ‘valur tal-materjali’ tfisser il-valur għad-dwana, fiż-żmien meta jkunu impurtati, tal-materjali użati li ma joriġinawx jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz, li jista' jkun aċċertat, imħallas għall-materjali fil-Komunità jew fis-Sirja;
8. (h) ‘valur tal-materjali li joriġinaw’ tfisser il-valur ta' tali materjali kif imfisser f(g) applikat mutatis mutandis;
9. (i) ‘valur miżjud’ għandu jittieħed bħala l-valur mill-fabbrika mnaqqas bil-valur għad-dwana ta' kull wieħed mill-materjali nkorporati li joriġina fil-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li magħhom hija applikata l-akkumulazzjoni jew, fejn il-valur għad-dwana ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz, li jista' jkun aċċertat, imħallas għall-materjali fil-Komunità jew fis-Sirja;
10. (j) ‘kapitoli’ u ‘intestaturi’ jfissru l-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi b'erba’ numri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Kommoditajiet, imsemmija f'dan il-Protokoll bħala ‘is-Sistema Armonizzata jew ‘SA’;

11. (k) 'ikklassifikat' tirreferi għall-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt intestatura partikolari;
12. (l) 'konsenja' tfisser prodotti li jew jintbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed jew koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mill-esportatur għad-destinatarju jew, fl-assenza ta' tali dokument, b'fattura waħda;
13. (m) 'territorji' tinkludi ibħra territorjali.

## TITLE II

### TIFSIRA TAL-KUNċETT TA' 'PRODOTTI LI JORIĠINAW'

#### *Artikolu 2*

##### **Ħtiġijiet ġenerali**

14. 1. Għall-fini tal-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fil-Komunità:
  - 14.1. (a) prodotti miksuba kompletament mill-Komunità fis-sens tal-Artikolu 5;
  - 14.2. (b) prodotti li nkisbu fil-Komunità li jinkorporaw materjali li ma nkisbux kompletament minn hemm, sakemm dawn it-tip ta' materjali għaddew minn xogħol jew proċessar suffiċjenti fil-Komunità fis-sens tal-Artikolu 6;
  - 14.3. (c) oġġetti li joriġinaw miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fis-sens tal-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.
15. 2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw fis-Sirja: (a)
  - 15.1. (a) prodotti miksuba kollha kemm huma fis-Sirja skont it-tifsira tal-Artikolu 5;
  - 15.2. (b) prodotti miksuba fis-Sirja li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu hemm kollha kemm huma, sakemm tali materjali jkun sarilhom xogħol jew ipproċessar biżżejjed fis-Sirjà skont it-tifsira tal-Artikolu 6.
16. 3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(c) għandhom jaapplikaw biss sakemm ikun hemm ftehim dwar il-kummerċ ħieles applikabbi bejn, min-naħħa waħda, is-Sirja u, min-naħħa l-oħra, l-Istati tal-EEA u l-EFTA (L-Islanda, il-Lichtenstein u n-Norveġja)

### *Artikolu 3*

#### **Akkumulazzjoni fil-Komunità**

17. 1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2(1), il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Komunità jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw fl-Iżvizzera (inkluż il-Lichtenstein)<sup>9</sup>, l-Iżlanda, in-Norveġja, it-Turkija jew fil-Komunità, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità jkun aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. M'huwiex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.
18. 2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2(1), il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Komunità jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-gżejjjer Faeroe jew fxi pajjiż li huwa parteċipant fil-partnership Ewro-Mediterranju skont id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995, barra mit-Turkija, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità jkun aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. M'huwiex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.
19. 3. Fejn ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità ma' jkunx aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott ottenut għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina fil-Komunità biss meta l-valur miżjud ikun aktar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw fxi wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Jekk dan ma jkunx hekk, il-prodott ottenut għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina f'dak il-pajjiż minn fejn ikun ġie l-aktar valur għoli ta' materjali użati fil-manifattura fil-Komunità.
20. 4. Prodotti li joriġinaw minn wieħed mill-pajjiżi msemmija fil-paragrafi 1 u 2, u li ma jsirx xogħol jew ipproċessar fuqhom fil-Komunità, iżommu l-oriġini tagħhom jekk ikunu esportati lejn wieħed minn dawn il-pajjiżi.
21. 5. L-akkumulazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu tista' tkun applikata biss jekk: (a)
- 21.1. (a) ikun applikabbli ftehim kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (General Agreement on Tariffs and Trade -GATT) bejn il-pajjiżi involuti fl-akkwist tal-istatus orīginarju u l-pajjiż destinatarju;
- 21.2. (b) materjali u prodotti jkunu kisbu l-istatus ta' orīgeni bl-applikazzjoni tar-regoli ta' orīgeni identiċi ma' dawk stipulati f'dan il-Protokoll;
- 21.3. kif ukoll

---

<sup>9</sup>

Il-Prinċipalità tal-Liechtenstein għandha unjoni doganali mal-Isvizzera, u hija Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

- 21.4. (c) avviżi li jindikaw it-twettieq tal-ħtiġiet neċċesarji għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje Ċ) u fis-Sirja skont il-proċeduri tagħha.

L-akkumulazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje Ċ).

Il-Komunità għandha tgħaddi lis-Sirja, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea, id-dettalji ta' kull Ftehim, inklużi d-dati tad-dħul fis-seħħ tagħhom, u r-regoli ta' oriġini korrispondenti tagħhom, li huma applikabbli mal-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

#### *Artikolu 4*

### **Akkumulazzjoni fis-Sirja**

22. 1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2(2), il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fis-Sirja jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw fl-Iżvizzera (inkluż il-Lichtenstein)<sup>10</sup>, l-Iżlanda, in-Norveġja, it-Turkija jew fil-Komunità, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fis-Sirja jkun aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. M'huiwex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.
23. 2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2(2), il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fis-Sirja jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-gżejjer Faeroe jew fxi pajjiż li huwa parteċipant fil-partnership Ewro-Mediterranu skont id-Dikjarazzjoni ta' Barcellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995, barra mit-Turkija, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fis-Sirja jkun aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. M'huiwex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.
24. 3. Fejn ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fis-Sirja ma' jkunx aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott ottenut għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina fis-Sirja biss meta l-valur miżjud ikun aktar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw fxi wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Jekk dan ma jkunx hekk, il-prodott ottenut għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina f'dak il-pajjiżi minn fejn ikun għie l-aktar valur għoli ta' materjali użati fil-manifattura fis-Sirja.
25. 4. Prodotti li joriġinaw minn wieħed mill-pajjiżi msemmija fil-paragrafi 1 u 2, u li ma jsirx xogħol jew ipproċessar fuqhom fis-Sirja, iżommu l-oriġini tagħhom jekk ikunu esportati lejn wieħed minn dawn il-pajjiżi.

---

<sup>10</sup>

Il-Principaliità tal-Liechtenstein għandu unjoni doganali mal-Iżvizzera, u huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

26. 5. L-akkumulazzjoni li jiprovdi għaliha dan l-Artikolu tista' tkun applikata biss jekk: (a)
- 26.1. (a) ikun applikabbli ftehim kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (General Agreement on Tariffs and Trade -GATT) bejn il-pajjiżi involuti fl-akkwist tal-istatus orīginarju u l-pajjiż destinarju;
- 26.2. (b) materjali u prodotti jkunu kisbu l-istatus ta' orīgini bl-applikazzjoni tar-regoli ta' orīgini identiċi ma' dawk stipulati f'dan il-Protokoll;
- 26.3. kif ukoll
- 26.4. (c) avviżi li jindikaw it-twettiq tal-ħtieġit neċċesarji għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C) u fis-Sirja skont il-proċeduri tagħha.

L-akkumulazzjoni li jiprovdi għaliha dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje Ċ).

Is-Sirja għandha tgħaddi lill-Komunità, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea, id-dettalji ta' kull Ftehim, inklużi d-dati tad-dħul fis-seħħi tagħhom, u r-regoli ta' orīgini korrispondenti tagħhom, li huma applikabbli mal-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

### *Artikolu 5*

#### **Prodotti miksuba kollha kemm huma**

27. 1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kollha kemm huma fil-Komunità jew fis-Sirja:
- 27.1. (a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija tagħhom jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;
- 27.2. (b) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;
- 27.3. (c) animali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;
- 27.4. (d) prodotti minn animali ħajjin imrobbija hemmhekk;
- 27.5. (e) prodotti miksuba mill-kaċċa jew sajd li jseħħi hemmhekk;
- 27.6. (f) prodotti tas-sajd fuq il-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar, barra mill-ibħra territorjali tal-Komunità jew is-Sirja, mill-vapuri tagħhom;
- 27.7. (g) prodotti magħmula fuq il-bastimenti-fabbriki tagħhom esklussivament minn prodotti msemmija f(f);
- 27.8. (h) artikli użati miġbura hemmhekk adatti biss għall-irkupru ta' materji primi, inklużi tyres użati adatti biss għal retreading jew għal użu bħala skart;
- 27.9. (i) fdalijiet u skart li jirriżultaw mill-proċessi ta' manifattura li jsiru hemmhekk;

- 27.10. (j) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew mis-saff ta' taħt qiegħ il-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali tagħhom sakemm ikollhom id-drittijiet esklussivi li jaħdnu dak il-qiegħ jew dak is-saff ta' taħtu;
- 27.11. (k) oġġetti magħmula esklussivament hemmhekk mill-prodotti speċifikati fl-(a) sa (j).
28. 2. It-termini 'il-vapuri tagħhom' u l-factory ships tagħhom fil-paragrafi 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għall-vapuri u factory ships:
- 28.1. (a) li huma rregistrați jew imniżżla fi Stat Membru tal-Komunità jew fis-Sirja;
- 28.2. (b) li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja; (c)
- 28.3. (c) li huma proprjetà, sa mhux anqas minn 50%, ta' ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja, jew ta' kumpanija, li għandha l-uffiċċju ewljeni f'wieħed minn dawn l-Istati, li l-maniġer jew maniġers, President tal-Bord tad-Diretturi jew il-Bord ta' Sorveljanza, u l-maġġoranza tal-membri ta' tali bordijiet tagħha huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja u li, b'żieda, f'każiċċiet ta' partnerships jew kumpanniji b'responsabbiltà limitata, mill-anqas nofs il-kapital għandu jkun proprjetà ta' dawk l-Istati jew ta' entitajiet jew ċittadini ta' dawk l-Istati.
- 28.4. (d) li tagħhom il-kaptan u l-uffiċċjali huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja;
- 28.5. kif ukoll
- 28.6. (e) li għandhom mhux anqas minn 75% tal-ekwipaġġ ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja;

### *Artikolu 6*

#### **Prodotti maħduma jew ipproċessati bizzżejjed**

29. 1. Għall-għanijiet tal-Artikolu 2, il-prodotti li ma jkunux kompletament miksuba huma meqjusa li jkunu maħduma jew ipproċessati bizzżejjed meta jilħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II.  
Il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti mill-Ftehim, ix-xogħol jew ipproċessar li għandu jsir fuq materjali li ma jorġinawx użati fil-manifattura u japplikaw biss b'rabta ma' tali materjali. Minn dan joħroġ li jekk prodott li jkun kiseb status ta' oriġini billi jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kundizzjonijiet applikabbi għall-prodott li jkun inkorporat fih ma' japplikawx għalih, u ma jingħata l-ebda kont tal-materjali li ma jorġinawx li jistgħu jkunu ntużaw fil-manifattura tiegħu.
30. 2. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1, materjali li ma jorġinawx li, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista, ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott, jistgħu jintużaw xorta waħda sakemm:

- 30.1. (a) il-valur tagħhom totali ma jaqbiżx 10 % tal-prezz ekx-works tal-prodott;
- 30.2. (b) l-ebda wieħed mill-persentaġġi mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali li ma joriġinawx ma jinqabeż permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

31. 3. Il-Paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

### *Artikolu 7*

#### **Xogħol jew proċessar insuffiċjenti**

32. 1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew proċessar insuffiċjenti sabiex jikkonferixxu status ta' prodotti orīginarji, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 ikunu sodisfatti kif ukoll jekk ma jkunux:
- 32.1. (a) operazzjonijiet ta' preżervazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-prodotti jibqgħu fkundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;
- 32.2. (b) tqassim u assemblar ta' pakketti;
- 32.3. (c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew għatjiet oħra;
- 32.4. (d) mogħdija jew pressa tat-tessuti;
- 32.5. (e) operazzjonijiet ta' żebgħa jew illustrar sempliċi;
- 32.6. (f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parpjali jew totali, illustrar, igglejżjar ta' ċereali u ross;
- 32.7. (g) operazzjonijiet ta' ikkulurar jew ta' iffurmar ta' zokkor;
- 32.8. (h) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew fsdieq ta' frott, ġewż u ħaxix;
- 32.9. (i) tifrik, tidħin sempliċi jew qtugħi sempliċi;
- 32.10. (j) għarbil, l-ġhażla skont id-daqs, it-tip, il-klassifika, it-tqabbil; (inkluż il-kompożizzjoni ta' settijiet ta' ogħġetti); (k)
- 32.11. (k) tqegħid sempliċi fi flixken, laned, flasks, boroż, bagalji, kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet l-oħra kollha ta' ppakkjar;
- 32.12. (l) twaħħil jew stampar ta' marki, tabelli, logos u sinjali oħra ta' distinzjoni fuq prodotti jew fuq il-pakki tagħhom;
- 32.13. (m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti kif ukoll jekk le;
- 32.14. (n) immuntar sempliċi ta' partijiet ta' artikli bl-iskop li jikkostitwixxu artiklu shiħi jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;
- 32.15. (o) kombinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati f'(a) sa (n);

- 32.16. (p) tbiċċir tal-annimali.
33. 2. L-operazzjonijiet kollha li jsiru fuq prodott speċifikat jew fil-Komunità jew fis-Sirja għandhom jitqiesu flimkien waqt id-determinazzjoni ta' jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar fuq dak il-prodott għandux jitqies bħal insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

#### *Artikolu 8*

#### **L-unità ta' kwalifika**

34. 1. L-unità ta' kwalifikazzjoni għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandu jkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Minn dan joħroġ li:

- 34.1. (a) meta prodott magħmul minn grupp jew numru ta' oġġetti jkun ikklassifikat skont it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan jiforma unità ta' kwalifikazzjoni kollu kemm hu;
- 34.2. (b) meta konsexa tkun magħmulia minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.
35. 2. Meta, skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

#### *Artikolu 9*

#### **Aċċessorji, spare parts u għodod**

Aċċessorji, spare parts u għodod mibgħuta ma' xi tagħmir, magna, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz, jew li ma jkunux fatturati separatament, għandhom jitqiesu bħala parti integra tat-tagħmir, magna, apparat jew vettura in kwistjoni.

#### *Artikolu 10*

#### **Settijiet**

Settijiet, kif imfissra fir-Regola 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-komponenti kollha jkunu joriġinaw. Madankollu, meta sett ikun magħmul minn prodotti li joriġinaw u prodotti li ma joriġinawx, is-sett bħala tali għandu jitqies bħala li joriġina, sakemm il-valur tal-prodotti li ma joriġinawx ma jkunx aktar minn 15% tal-prezz tas-sett mill-fabbrika.

**Elementi newtrali**

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott ikunx joriġina, ma huwiex meħtieġ li jkun determinat l-oriġini ta' dawn li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

36. (a) enerġija u fjuwil;
37. (b) impjant u tagħmir;
38. (c) makkinarju u għodod;
39. (d) oġġetti li ma' jidħlux, u mhux maħsuba li jidħlu, fil-kompożizzjoni tal-prodott.

TITOLU III  
REKWIŻITI TERRITORJALI

*Artikolu 12*

**Il-prinċipju tat-territorjalitā**

40. 1. Ħlief kif ipprovdot fl-Artikolu 2(1)(c), Artikoli 3 u 4 u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet għall-akkwist ta' status ta' oriġini spjegati fis-Taqsima II għandhom ikunu sodisfatti mingħajr interruzzjoni fil-Komunità jew fis-Sirja.
41. 2. Ħlief kif ipprovdot fl-Artikoli 3 u 4, meta oġġetti li joriġinaw esportati mill-Komunità jew mis-Sirja lejn pajjiż ieħor jirritornaw, għandhom jitqiesu bħala li ma joriġinawx, sakemm ma jkunx jista' jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet tad-dwana, li:
  - 41.1. (a) l-ġġetti li jirritornaw huma l-istess bħal dawk esportati;
  - 41.2. kif ukoll
  - 41.3. (b) ma għaddewx minn kwalunkwe operazzjoni lil hinn minn dik meħtieġa sabiex tippreżervahom f'kundizzjoni tajba waqt li kienu jinsabu fdak il-pajjiż jew waqt li kienu qeqħdin jiġu esportati.
42. 3. L-akkwist ta' status ta' oriġini skont il-kundizzjonijiet stipulati fis-Taqsima II ma għandux ikun effettwat minn xogħol jew ipproċessar li jsir barra mill-Komunità jew mis-Sirja fuq materjali esportati mill-Komunità jew mis-Sirja u, sussegwentement, importat hemm mill-ġdid, sakemm:
  - 42.1. (a) il-materjali msemmija jkunu nkisbu kollha kemm huma fil-Komunità jew fis-Sirja jew ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 qabel ma' jkunu esportati;
  - 42.2. kif ukoll
  - 42.3. (b) ikun jista' jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet tad-dwana, li:
    - 42.3.1. i) l-ġġetti impurtati mill-ġdid ikunu nkisbu billi sar xogħol jew ipproċesar fuq il-materjali esportati;
    - 42.3.2. kif ukoll
    - 42.3.3. ii) il-valur miżjud totali akkwistat barra mill-Komunità jew is-Sirja bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkunx aktar minn 10% tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott finali li għalih ikun qiegħed jintalab status ta' oriġini.
  43. 4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-kundizzjonijiet għall-akkwist ta' status ta' oriġini stipulati fis-Taqsima II ma għandhomx japplikaw għal xogħol jew ipproċessar li jsir barra mill-Komunità jew mis-Sirja. Iżda meta, fil-lista fl-Anness II, regola li tistipula valur massimu għall-materjali kollha li ma joriġinawx inkorporati tkun applikata fid-determinazzjoni tal-istatus ta' oriġini tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali li ma joriġinawx inkorporat fit-territorju tal-parti kkonċernata, meħud flimkien mat-total tal-valur miżjud akkwistat barra mill-Komunità jew mis-Sirja bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, ma għandux ikun aktar mill-persentaġġ imsemmi.

44. 5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, 'total tal-valur miżjud' għandha tfisser l-ispejjeż kollha li jinqalgħu barra mill-Komunità jew is-Sirja, inkluż il-valur tal-materjali nkorporati hemm.
45. 6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II jew li jistgħu jitqiesu maħduma jew proċessati suffiċċientement fil-każ biss li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali ffissata fl-Artikolu 6(2).
46. 7. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.
47. 8. Kull xogħol jew ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u li jsiru barra mill-Komunità jew mis-Sirja għandu jsir taħt l-arranġament dwar l-ipproċessar estern, jew arranġamenti simili.

### *Artikolu 13*

#### **Trasport dirett**

48. 1. It-trattament preferenzjali pprovdu skont il-Ftehim japplika biss għall-prodotti, li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan il-Protokoll, li jkunu trasportati direttament bejn il-Komunità u s-Sirja jew mit-territorji tal-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li lakkumulazzjoni hija applikabli magħħom. Minkejja dan, prodotti li jikkostitwixxu kunsinna waħda jistgħu jiġi ttrasportati minn ġewwa territorji oħra, jekk tinqalal-okażjoni, permezz ta' trasbord jew magażinaġġ temporanju fterritorji bħal dan, bil-kundizzjoni li dawn jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tat-tranżitu jew tal-magażinaġġ u li ma jgħaddu mill-ebda operat ħlief il-ħatt, it-tagħbiha mill-ġdid jew kwalunkwe operat maħsub sabiex jippreżervahom fkundizzjoni tajba. Prodotti li joriġinaw jistgħu jingħarru permezz ta' pipeline li jaqsam territorju li mhux dak tal-Komunità jew tas-Sirja.
49. 2. Għandha tingħata prova, li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni bil-produzzjoni ta':
- 49.1. (a) dokument wieħed tat-trasport li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż tal-esportazzjoni minn ġewwa l-pajjiż tat-tranżitu; jew
- 49.2. (b) Ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tranżitu:
- 49.2.1. (i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;
- 49.2.2. (ii) li jistqarr id-dati tal-ħatt u tat-tgħabbija mill-ġdid tal-prodotti u, fejn applikabbli, l-ismijiet tal-bastimenti użati, jew tal-mezzi l-oħrajn tat-trasport użati
- 49.2.3. kif ukoll
- 49.2.4. (iii) jiċċertifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti kienu baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu; jew
- 49.3. (c) fin-nuqqas ta' dawn, kwalunkwe dokument li jissostanzjahom.

### **Wirjet**

50. 1. Prodotti li li joriġinaw, mibgħuta f'pajjiż ieħor li mhux wieħed minn dawk imsemmija fl-Artikoli 3 u 4 li fuqhom hija applikabbi l-akkumulazzjoni u li jinbiegħu wara l-wirja għall-importazzjoni fil-Komunità jew fis-Sirja għandhom jibbenefikaw, meta jkunu impurtati, mid-disposizzjonijiet tal-Ftehim sakemm jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet tad-dwana, li:
  - 50.1. (a) esportatur ikun ikkonsenza dawn il-prodotti mill-Komunità jew mis-Sirja lejn il-pajjiż fejn tinżamm il-wirja u jkun urihom hemm;
  - 50.2. (b) il-prodotti jkunu nbiegħu jew ġew mgħoddija xort'oħra minn dak l-esportatur lil persuna fil-Komunità jew fis-Sirja;
  - 50.3. (c) il-prodotti kienu ġew konsenjati matul il-wirja jew immedjetament warajha fl-istat li fih dawn intbagħtu għall-wirja;
  - 50.4. kif ukoll
  - 50.5. (d) il-prodotti ma kinux, minn meta kienu ġew konsenjati għall-wirja, użati għal xi skop minbarra dak ta' demostrazzjoni fil-wirja.
51. 2. Għandha tiġi maħruġa jew magħmula prova ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V u mogħtija lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tal-importazzjoni bil-manjiera n-normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom ikunu indikati fuqha. Fejn meħtieġ, tista' tintalab evidenza ulterjuri ddokumentata tal-kundizzjonijiet li fihom ġew esibiti.
52. 3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew ta' artiġanat, fiera jew wirja pubblika li ma tkunx organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet ta' negozju bl-għan tal-bejgħ ta' oġġetti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

## TITOLU IV

### RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

#### *Artikolu 15*

##### **Projbizzjoni ta' ħlas lura ta', jew eżenzjoni minn, taxxi tas-sisa**

53. 1. (a) Materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fis-Sirja jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li għalihom tinħareġ jew tinkiteb prova ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet tas-Titolu V ma jkunux eliġibbli, fil-Komunità jew fis-Sirja għal ħlas lura ta', jew eżenzjoni minn, taxxi tas-sisa ta' kwalunkwe tip.
54. (b) Prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 u l-Intestaturi 1604 u 1605 tas-Sistema Armonizzata u li joriġinaw fil-Komunità, kif ipprovdut fl-Artikolu 2(1)(c), li għalihom tinħareġ jew tinkiteb prova ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet tas-Taqsima V ma jkunux eliġibbli, fil-Komunità jew fis-Sirja għal ħlas lura ta', jew eżenzjoni minn, taxxi tas-sisa ta' kwalunkwe tip.
55. 2. Il-projbizzjoni tal-paragrafu 1 għandha tapplika fuq kull arrāġġament għal rimborż, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas, parżjali jew sħiħ, tat-taxxa tas-sisa jew xi ħlas ieħor li għandu effett ekwivalenti, applikabbli, fil-Komunità jew fis-Sirja, fuq materjali użati fil-manifattura u fuq prodotti koperti mill-paragrafu (1)(b) hawn fuq, meta tali rimborż, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas japplika, espressament jew effettivament, meta l-prodotti miksuba mill-materjali msemmija jkunu esportati u mhux miżmuma għal użu domestiku hemmhekk.
56. 3. L-esportatur ta' prodotti koperti bi prova ta' oriġini għandu jkun lest jippreżenta fi kwalunkwe waqt, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova li ma nkisbet l-ebda rifużjoni fdak li għandu x'jaqsam ma' materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura tal-prodotti konċernati u li d-dazji jew ħlasijiet doganali kollha li għandhom effett ekwivalenti applikabbli għal dawn it-tipi ta' materjali, kienu fil-fatt tħallsu.
57. 4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-ippakkjar fis-sens tal-Artikolu 8(2), aċċessorji, spare parts u għodod fis-sens tal-Artikolu 9 u l-prodotti fsett fis-sens tal-Artikolu 10 meta dawn it-tipi ta' ogħetti ma jkunux oriġinarji.
58. 5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw biss fir-rigward ta' materjali li jkunu tat-tip li għalihom japplika il-Ftehim. Barra minn hekk, ma għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni ta' sistema ta' rifużjoni ta' esportazzjoni għal prodotti agrikoli, applikabbli fil-mument tal-esportazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.
59. 6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandieq tapplika jekk il-prodotti huma kkunsidrati bħala li joriġinaw fil-Komunità jew fis-Sirja mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'wieħed jew ieħor mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4.
60. 7. Minkejja l-paragrafu 1, is-Sirja tista', ħlief għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, tapplika arrāġġamenti għall-ħlas lura ta', jew eżenzjoni minn, taxxi tas-sisa jew kargi li għandhom effett ekwivalenti,

applikabbi fuq materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw, skont id-disposizzjonijiet li ġejjin:

- 60.1. (a) rata ta' 5% ta' taxxa tad-dwana għandha tinżamm fuq prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitli 25 sa 49 u 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata, jew xi rata anqas applikabbi fis-Sirja;
- 60.2. (b) rata ta' 10 % ta' taxxa tad-dwana għandha tinżamm fuq prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, jew xi rata anqas applikabbi fis-Sirja;  
Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw sal- 31 ta' Diċembru 2009 u jistgħu jiġu riveduti bi qbil bejniethom.

## TITOLU V

### PROVI TAL-ORIĠINI

#### *Artikolu 16*

##### **Ħtiġijiet ġenerali**

61. 1. Prodotti li joriġinaw fil-Komunità, meta jkunu impurtati fis-Sirja, u prodotti li joriġinaw fis-Sirja, meta jkunu impurtati fil-Komunità, għandhom jibbenefikaw mill-Ftehim fuq is-sottomissjoni ta' wieħed minn dawn il-provi ta' oriġini:
  - 61.1. (a) ċertifikat ta' caqlieg EUR.1, li jidher kampjun tiegħu fl-Anness IIIa;
  - 61.2. (b) ċertifikat ta' caqlieg EUR-MED, li jidher kampjun tiegħu fl-Anness IIIb; (c)
  - 61.3. (c) fil-każijiet spċifikati fl-Artikolu 22(1), dikjarazzjoni, sussegwentement imsejħa 'dikjarazzjoni ta' fattura' jew 'dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED', maħruġa mill-esportatur fuq fattura, nota ta' konsenja jew kwalunkwe dokument kummercjal ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati b'dettalji bizzżejjed li jippermettu li jkunu identifikati; it-test tad-dikjarazzjonijiet ta' fattura jidhru fl-Annessi IV a u b.
62. 2. Minkejja l-paragrafu 1, il-prodotti li joriġinaw skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll, għandhom, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 27, igawdu mill-Ftehim mingħajr ma jkun neċċesarju li jiġi ppreżentat kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija aktar 'il fuq.

#### *Artikolu 17*

##### **Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED**

63. 1. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni fil-mument li l-applikazzjoni tkun saret bil-miktub mingħand l-esportatur jew, mingħand ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, bir-responsabbiltà taqa' fuq l-esportatur.
64. 2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat ta' caqlieg EUR.1 jew EUR-MED kif ukoll l-formola ta' applikazzjoni, li jidħru kampjuni tagħhom fl-Annessi III a u b. Dawn il-formoli għandhom jimtlew fwaħda mil-lingwi li jkunu ntużaw f'dan il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż esportatur. Jekk huma miktuba bl-idejn, għandhom jiġu kkompletati bl-inka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riservata għal dan il-għan mingħajr ma jitħallew linji

vojta. Fejn il-kaxxa m'hijiex kollha mimlija, issir linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispazju vojt jiġi ngassat.

65. 3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jkun lest li fi kwalunkwe waqt jippreżenta, mat-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni ta' minn fejn iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED ikun maħruġ, id-dokumenti xierqa kollha sabiex jagħti prova tal-istatus orīginarju tal-prodotti konċernati kif ukoll dwar it-twettieq tar-rekwiżiti l-oħra jen ta' dan il-Protokoll.
66. 4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja fil-każi li ġejjin:
- jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorīginaw fil-Komunità jew fis-Sirja mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jorīginaw fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u jissodisfaw il-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll;
  - jekk il-prodotti konċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorīginaw minn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li bihom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jorīginaw minn wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, sakemm ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED inħarġu fil-pajjiż tal-oriġini.
67. 5. Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' Stat Membru tal-Komunità jew tas-Sirja jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorīginaw fil-Komunità, fis-Sirja jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra imsemmija fl-Artikoli 3 u 4 li magħhom hija applikabbli l-akkumulazzjoni, jossodisfaw il-ħtiġiet ta' dan il-Protokoll u:
- l-akkumulazzjoni kienet applikata b'materjali li jorīginaw fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jew
  - il-prodotti jistgħu jintużaw bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jew
  - il-prodotti jiistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-pajjiż destinatarju lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4.
68. 6. Ċertifikat ta' moviment EUR-MED għandu jkollu fih wieħed mill-istqarrijiet li ġejjin bl-Ingliż fil-kaxxa 7:
- jekk l-oriġini nkisbet bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li jorīginaw minn wieħed jew aktar mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4:
- 'CUMULATION APPLIED WITH .....'(isem tal-pajjiż/pajjiżi)
- jekk l-oriġini nkiseb mingħajr l-applikazzjoni ta' akkumulazzjoni b'materjali li jorīginaw fwieħed jew aktar mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4:
- 'NO CUMULATION APPLIED'
69. 7. L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom jieħdu kull pass meħtieġ sabiex jivverifikaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti u li ntlaħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll. Għal dan il-ġhan, għandu

jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe provi u jeżegwixxu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kull iċċekkjar ieħor meqjus xieraq. Għandhom ukoll jiżguraw li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 imtlew kif suppost. B'mod partikolari, għandhom jikkontrollaw jekk l-ispazju riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti mteliekk b'tali mod li jeskludi kull possibbiltà ta' żidiet froudenti.

70. 8. Id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandha tkun indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.
71. 9. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u għandu jsir disponibbli għall-esportatur hekk kif l-esportazzjoni nnifisha tkun seħħet jew ġiet żgurata.

### *Artikolu 18*

#### **Ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED maħruġ b'mod retrospektiv**

72. 1. Minkejja dak li jgħid l-Artikolu 17(9), ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED jista' eċċeżzjonalment jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jirrigwarda jekk:
  - 72.1. (a) ma nħariġx fil-mument tal-esportazzjoni minħabba żabalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali;
  - 72.2. jew
  - 72.3. (b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li nħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED iżda ma ġiex aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.
73. 2. Minkejja l-Artikolu 17(9), jista' jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR-MED wara l-esportazzjoni tal-prodotti li lilhom jikkonċerna u li għalihom inħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 fil-mument tal-esportazzjoni, sakemm tingħata prova għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17 (5) ġew ssodisfati.
74. 3. Għall-implementazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-esportatur għandu jindika, fl-applikazzjoni tiegħu, il-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti li jirrigwarda ċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED, u jagħti r-raġunijiet għat-talba tiegħu.
75. 4. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu joħorġu ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED b'mod retrospektiv biss wara li jivverifikaw li t-tagħrif mogħti fl-applikazzjoni tal-esportatur taqbel ma' dik fil-fajl korrispondenti.
76. 5. Ċertifikati ta' ċaqliq EUR.1 jew EUR-MED li jinħarġu b'mod retrospektiv għandhom ikunu mmarkati kif ġej, bl-Ingliż:

"

**"ISSUED RETROSPECTIVELY"**

Ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED li jinħarġu b'mod retrospektiv skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu mmarkati b'din il-frażi li ġejja, bl-Ingliż:

77. 'ISSUED RETROSPECTIVELY (Original EUR.1 no .....[date and place of issue]'. L-immarkar imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jitniżżejjel fil-Kaxx Nru 7 taċ-ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED.

## *Artikolu 19*

### **L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 tad-duplikat taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED.**

78. 1. F'każ ta' serq, telf jew distruzzjoni ta' ġertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED, l-esportatur jista' jaapplika għal kopja mingħand l-awtoritajiet tad-dwana li kienu ħarġuh, fuq il-bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tagħhom.
  79. 2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi ċċertifikata bil-kelma li ġejja bl-Ingliż:
- 'DUPLICATE'
80. 3. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 tad-duplikat taċ-ċertifikat tal-moviment EUR 1 jew EUR-MED.
  81. 4. Il-kopja, li għandha turi d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' ċaqlieq oriġinali EUR.1 jew EUR-MED, għandhu jkun effettiv minn dik id-data.

## *Artikolu 20*

### **Ħruġ ta' ċertifikati ta' movement EUR.1 jew EUR-MED fuq il-bażi ta' prova tal-oriġini maħruġa jew magħmula qabel**

Meta prodotti li joriġinaw jitqegħdu taħt il-kontroll ta' Uffiċċju tad-Dwana fil-Komunità jew fis-Sirja, għandu jkun possibbli li l-provi ta' oriġini oriġinali jinbidlu ma' wieħed jew aktar ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED għall-ġhan li l-prodotti jew x'uħud minnhom jintbagħtu x'imkien ieħor fil-Komunità jew is-Sirja. Il-kopja taċ-ċertifikat jew ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED għandha tinħareġ mill-Uffiċċju tad-Dwana li l-prodotti jkunu tqegħdu taħt il-kontroll tiegħu.

## *Artikolu 21*

### **Segregazzjoni tal-kontijiet**

82. 1. Meta jinqalgħu spejjeż jew diffikultajiet materjali apprezzabbi ta' stokks separati ta' materjali li joriġinaw u li ma joriġinawx li huma identiċi u jistgħu jieħdu post xulxin, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu, fuq talba bil-milktub mingħand dawk ikkonċernati, jawtorizzaw l-użu tal-metodu hekk-imsejjaħ ‘segregazzjoni tal-kontijiet’ fl-immanigħgar ta' tali stokks.
83. 2. Dan il-metodu għandu jkun kapaċi jiżgura li, għall-perijodu speċifiku ta' referenza, in-numru ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala li ‘joriġinaw’ għandu jkun l-istess bħal dak li kien ikun miksub kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-istokks.
84. 3. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu joħorġu tali awtorizzazzjoni li tkun soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni meqjusa xierqa.
85. 4. Dan il-metodu jkun irregħistrat u applikat fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabilità applikabbi fil-pajjiż fejn il-prodott ikun manifatturat.
86. 5. Il-benefiċjarju ta' din il-faċilità jista' joħroġ il-provi ta' oriġini, jew jaapplika għalihom, skont il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala li

joriġinaw. Fuq talba tal-awtoritajiet tad-dwana, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar kif kienu immaniġġati l-kwantitatijiet.

87. 6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li sar mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha f'kull waqt meta l-benefiċjarju jagħmel użu li muwiex xieraq mill-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mod possibbli jew jonqos milli jilħaq kwalunkwe kundizzjoni oħra stipulata f'dan il-Protokoll.

### *Artikolu 22*

#### **Kundizzjonijiet għat-tfassil ta' dikjarazzjoni ta' fattura jew ta' dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED**

88. 1. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED kif imsemmija fl-Artikolu 16(1)(c) tista' titfassal:
- 88.1. (a) minn esportatur approvat fis-sens tal-Artikolu 23,
- 88.2. jew
- 88.3. (b) minn kull esportatur għal kull konsenza li tikkonsisti f'pakkett jew pakketti li jikkontjenu prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6,000.
89. 2. Bla preġudizzju għall-paragrafu 3, dikjarazzjoni ta' fattura tista' titfassal fil-każijiet li ġejjin:
- jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fis-Sirja mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u jissodisfaw il-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll;
  - jekk il-prodotti konċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw minn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li bihom l-akkumulazzjoni hija applikabbi, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw minn wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, sakemm ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED inħarġu fil-pajjiż tal-oriġini,
90. 3. Dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED tista' tinħareġ jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fis-Sirja jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li magħħom hija applikabbi l-akkumulazzjoni, jossodisfaw il-ħtiġiet ta' dan il-Protokoll u:
- l-akkumulazzjoni kienet applikata b'materjali li joriġinaw fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jew
  - il-prodotti jistgħu jintużaw bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jew
  - il-prodotti jistgħu jiġu esportati mill-ġdid mill-pajjiż destinatarju lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4.
91. 4. Dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED għandha jkun fiha waħda mill-istqarrijiet li ġejjin bl-Ingliż:

- jekk l-oriġini nkisbet bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li joriġinaw minn wieħed jew aktar mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4:

'CUMULATION APPLIED WITH .....'(isem tal-pajjiż/pajjiż)

- jekk l-oriġini nkiseb mingħajr l-applikazzjoni ta' akkumulazzjoni b'materjali li joriġinaw f'wieħed jew aktar mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4:

'NO CUMULATION APPLIED'

92. 5. L-esportatur li jfassal dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe waqt, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus orīginarju tal-prodotti konċernati kif ukoll li qeqħdin jintlaħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
93. 6. Dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED issir mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, in-nota ta' konsenja jew dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li test tagħha jidher fl-Annessi IV a u b, fxi waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stipulati fl-Anness imsemmi u skont id-disposizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż esportatur. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, din għandha tkun miktuba bil-linka fkarattri bħallikieku stampati.
94. 7. Id-dikjarazzjonijiet ta' fatturi jew id-dikjarazzjonijiet ta' fatturi EUR-MED għandhom ikollhom firma orīginali magħmula bil-miktub mill-esportatur. Minkejja dan, esportatur approvat fis-sens tal-Artikolu 23 ma għandux bżonn jiffirma dawn it-tipi ta' dikjarazzjonijiet sakemm ikun forma impenn bil-miktub lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni li huwa jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe dikjarazzjoni fuq il-fattura li tidentifikah bħala l-firmatarju tagħha bil-miktub.
95. 8. Dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED għandha ssir mill-esportatur meta l-prodotti li tirrigwarda jkunu esportati, jew wara l-esportazzjoni bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fil-pajjiż esportatur mhux aktar minn sentejn wara l-esportazzjoni tal-prodiotti li tirrigwarda.

### *Artikolu 23*

#### **Esportatur approvat**

96. 1. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur jistgħu jawtorizzaw kwalunkwe esportatur, hawn taħt imsemmi 'esportatur approvat', li jagħmel konsenji spissi ta' prodotti taħt dan il-Ftehim, sabiex jagħmel dikjarazzjonijiet ta' fattura jew dikjarazzjonijiet ta' fattura EUR-MED irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jkun jixtieq tali awtorizzazzjoni jrid joffri, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet tad-dwana, il-garanziji kollha meħtieġa għall-verifika tal-istatus ta' oriġini tal-prodotti kif ukoll is-sodisfazzjon tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.
97. 2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat suġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li huma jqisu xierqa.
98. 3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni doganali li għandu jkun jidher fuq id-dikjarazzjoni ta' fattura jew id-dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED.

99. 4. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.
100. 5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe waqt. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx qiegħed joffri aktar il-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, jew ma jkunx qiegħed jilħaq il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew b'mod ieħor jagħmel użu skorrett mill-awtorizzazzjoni.

#### *Artikolu 24*

#### **Validità ta' prova ta' oriġini**

101. 1. Prova ta' oriġini għandha tkun valida għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż ta' esportazzjoni u, matul il-perijodu msemmi, għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' importazzjoni.
102. 2. Il-provi ta' oriġini li jkunu preżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni wara d-data finali għall-preżentazzjoni kif speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaqgħu għall-għan li jkun applikat trattament preferenziali, fejn in-nuqqas tal-preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali jkun seħħ minħabba raġunijiet ta' ċirkostanzi eċċeżżjoni.
103. 3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni li saret tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jistgħu jaċċettaw il-prova ta' oriġini meta l-oġġetti jkunu ġew preżentati lilhom qabel id-data finali msemmija.

#### *Artikolu 25*

#### **Preżentazzjoni ta' prova ta' oriġini**

Il-provi ta' oriġini għandhom ikunu sottomessi lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur skont il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu wkoll jitolbu traduzzjoni tal-prova ta' oriġini u jistgħu wkoll jitolbu li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata minn stqarrija mingħand l-importatur li fiha jiddikjara li l-prodotti jkunu jilħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-Ftehim.

#### *Artikolu 26*

#### **Importazzjoni rateali**

Meta, fuq talba tal-importatur u skont il-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur, prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt is-Taqsimajiet XVI u XVII, jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, ikunu importati ftit-ftit, għandha tkun sottomessa prova ta' oriġini waħda lill-awtoritajiet tad-dwana meta tkun importata l-ewwel konsenza.

#### *Artikolu 27*

#### **Eżenzjonijiet mill-prova ta' oriġini**

104. 1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jifformaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu

ammessi bħala prodotti orīginarji mingħajr ma tīgi rikjestha l-preżentazzjoni ta' prova formali tal-oriġini, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux importati bi skop ta' kummerċ u jkunu dikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubbju dwar il-veraċita ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti li jintbagħtu bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana CN22/CN23 jew fuq karta annessa ma' dak id-dokument.

105. 2. L-importazzjonijiet li jkunu okkażjonal u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet għall-finijiet ta' kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm l-ebda ħsieb ta' skop kummerċjali.
106. 3. Aktar minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1,200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

### *Artikolu 28*

#### **Dokumenti ta' sostenn**

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 17(3) u 22(5) użati sabiex ikun ippruvat li l-prodotti koperti minn ċertifikat ta' ċaqliq EUR.1 jew EUR-MED jew dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED jistgħu jkunu kkunsidrati bħala li joriġinaw fil-Komunità, fis-Sirja jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jissodisfaw il-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll jistgħu jikkonsistu, inter alia minn dan li ġej:

107. (a) prova diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jakkwista l-oġġetti konċernati, li jinsabu, per eżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;
108. (b) dokumenti li jippruvaw l-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmulu fil-Komunità jew fis-Sirja fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi domestika;
109. (c) dokumenti li jippruvaw ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Komunità jew fis-Sirja, maħruġa jew magħmulu fil-Komunità jew fis-Sirja fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi domestika;
110. (d) ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED jew dikjarazzjoni jiet ta' fattura jew dikjarazzjoni jiet ta' fattura EUR-MED li jippruvaw l-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmulu fil-Komunità jew fis-Sirja skont dan il-Protokoll, jew fwieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4, skont reġoli ta' oriġini li huma identiċi mar-regoli ta' dan il-Protokoll.
111. (e) xhieda xierqa dwar ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar barra mill-Komunità jew is-Sirja bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12, li tipprova li l-ħtiġiet ta' dak l-Artikolu jkunu sodisfatti.

## *Artikolu 29*

### **Il-preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn**

112. 1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jżomm id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(3) għal mill-anqas tliet snin.
113. 2. L-esportatur li jfassal dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED għandu jżomm kopja ta' din id-dikjarazzjoni ta' fattura kif ukoll tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 22(5) għal mill-anqas tliet snin.
114. 3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni li joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom iżommu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(2) għal mill-anqas tliet snin.
115. 4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom iżommu għal mill-anqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u EUR-MED kif ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' fatturi u d-dikjarazzjonijiet ta' fatturi EUR.1 u EUR-MED preżentati lilhom.

## *Artikolu 30*

### **Diskrepanzi u żbalji formali**

116. 1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn l-listqarrijet magħmula fil-prova ta' oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti preżentati lill-uffiċċju doganali għall-iskop li jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti ma għandhiex ipso facto tannu l-prova ta' oriġini jekk ikun stabbilit kif dovut li dan id-dokument fil-fatt ikun jaqbel mal-prodotti preżentati
117. 2. Żbalji formali ovvji bħal żbalji tat-tajping fil-prova ta' oriġini ma għandhomx iwasslu sabiex id-dokument jiġi riġettat jekk dawn l-iż-żbalji ma jkunux magħmula b'tali mod li joħolqu dubbji dwar il-korrettezza tal-istqarrijiet magħmula fid-dokument.

## *Artikolu 31*

### **Ammonti espressi f'euro**

118. 1. Għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 27(3), fkażżejjiet fejn toħroġ fattura għall-prodotti fxi munita li mhix Euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Istati Membri tal-Komunità, tas-Sirja u tal-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li huma ekwivalenti għall-ammonti murija bħala Euro għandhom ikunu ffissati, darba fis-sena, minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.
119. 2. Konsenja għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(b) jew tal-Artikolu 27(3) b'referenza għall-munita li fiha tkun tfasslet, skont l-ammont iffissat mill-pajjiż konċernat.
120. 3. L-ammonti li għandhom jintużaw fkull munita nazzjonali partikolari għandhom ikunu ekwivalenti fdik il-munita għall-ammonti espressi f'euro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni Ewropea mill-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw

mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha konċernati dwar l-ammonti relevanti.

121. 4. Pajjiż jista' jarrotonda 'l isfel jew 'il fuq l-ammont li jirriżulta mill-konverżjoni fil-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro. L-ammont arrotondat ma jistax ikun differenti minn aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-konverżjoni. Pajjiż jista' jżomm bla ma jibdel l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-konverżjoni ta' dak l-ammont, qabel ma jsir l-arrotondament, jirriżulta fzieda ta' anqas minn 15 % fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti fil-munita nazzjonali jista' jinżamm mhux mibdul jekk il-konverżjoni tirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.
122. 5. L-ammonti murija f'euro għandhom ikunu riveduti mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fuq talba tal-Komunità jew tas-Sirja. Meta titwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jqis sa liema punt ikun mixtieq li jkunu preżervati f'termini reali l-effetti tal-limiti konċernati. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

## TITOLU VI

### ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

#### *Artikolu 32*

##### **Assistenza reċiproka**

123. 1. L-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri tal-Komunità u tas-Sirja għandhom jgħaddu lill xulxin, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea, kampjuni tat-timbri użati fl-uffiċċi tad-dwana tagħhom għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 u EUR-MED, u bl-indirizz tal-awtoritajiet tad-dwana responsabbi mill-verifika ta' dawn iċ-ċertifikati, id-dikjarazzjonijiet ta' fattura u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura EUR-MED.
124. 2. Sabiex l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Protokoll tkun żgurata, il-Komunità u s-Sirja għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet tad-dwana kompetenti, fl-iċċekkjar tal-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' ċaqlieq EUR.1 u EUR-MED, id-dikjarazzjonijiet ta' fattura u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura EUR-MED u l-eżattezza tat-tagħrif mogħti f'dawn id-dokumenti.

#### *Artikolu 33*

##### **Verifika tal-prova ta' oriġini**

125. 1. Il-verifikasi sussegwenti tal-provi ta' oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni ikollhom dubbi rägonevoli dwar l-awtentiċità ta' tali dokumenti, dwar l-istatus orīginarju tal-prodotti konċernati jew dwar it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
126. 2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' ċaqliq EUR.1 jew EUR-MED u l-fattura, jekk tkun ġiet sottomessa, id-dikjarazzjoni ta' fattura jew id-dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur u, fejn jkun xieraq, ir-raġunijiet għat-talba ta' stħarriġ. Kwalunkwe dokument u tagħrif miksub li jiissu għixerxi li t-tagħrif mogħti fil-prova ta' oriġini hija żbaljata għandhom jintbagħtu bħala sostenn tat-talba għal verifika.
127. 3. Il-verifica għandha ssir mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur. Għal dan il-għan, għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe provi u jeżegwixxu kwalunkwe ispezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kull iċċekkjar ieħor meqjus xieraq.
128. 4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jiddeċiedu li jiissospendu l-għoti tat-trattament preferenziali lill-prodotti konċernati waqt li jkunu jistennew ir-riżultati tal-verifika, dawn għandhom joffru li jirrilaxxaw il-prodotti lill-importatur suġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekwazzjoni li huma jidhrilhom meħtieġa.
129. 5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika jkunu infurmati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala

prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fis-Sirja jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jossodisfawx il-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

130. 6. Jekk fil-każijiet ta' dubbju rägħonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien għaxar xħur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha tagħrif suffiċċenti sabiex tiġi determinata l-awtentiċità tad-dokument fil-kwistjoni jew sabiex tiġi determinata l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jressqu t-talba għandhom, ħlief fċirkostanzi eċċezzjonali, jiċħdu d-dritt għall-preferenzi.

#### *Artikolu 34*

### **Soluzzjoni ta' disputi**

Meta jinqala' tilwim dwar il-proċeduri ta' verifika fl-Artikolu 33 li ma jkunux jistgħu jkunu rranġati bejn l-awtoritajiet tad-dwana li jitkol fuq kwalunkwe persuna li tfassal dokument, jew li tikkawża li jitfassal dokument, li jkun fih tagħrif skorrett bl-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal xi prodotti.

F'kull każ, tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandu jkun irranġat skont il-liggi jekk tal-pajjiż imsemmi.

#### *Artikolu 35*

### **Pieni**

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal dokument, jew li tikkawża li jitfassal dokument, li jkun fih tagħrif skorrett bl-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal xi prodotti.

#### *Artikolu 36*

### **Żoni ħielsa**

131. 1. Il-Komunità u s-Sirja għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-prodotti negozjati taħt il-kappa ta' prova ta' oriġini li, waqt it-trasport, jużaw żona ħielsa fit-territorju tagħhom, ma jkunux sostitwiti minn prodotti oħra u ma' jsirx maniġġar tagħhom ħlief operazzjonijiet normali maħsuba biex jevitaw id-deteriorazzjoni tal-prodotti.
132. 2. Permezz ta' eżenzjoni mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fis-Sirja jkunu importati f'żona ħielsa taħt il-kappa ta' prova ta' oriġini u jsirilhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkun sar ikun konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

## TITOLU VII

### CEUTA U MELILLA

*Artikolu 37*

#### **Applikazzjoni tal-Protokoll**

133. 1. It-term “Komunità” użat fl-Artikolu 2 ma jinkludix Ceuta u Melilla.
134. 2. Prodotti li joriġinaw fis-Sirja, meta jkunu importati f'Ceuta jew Melilla, għandhom jibbenifikaw mill-istess sistema tad-dwana bħal dik applikata fuq prodotti li joriġinaw fit-territorju tad-dwana tal-Komunità skont il-Protokoll 2 tal-Atti ta'Adeżjoni mal-Komunità tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża. Is-Sirja għandha tapplika, fuq il-prodotti importati taħt dan il-ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess sistema tad-dwana bħal dik applikata fuq prodotti importati minn, u li joriġinaw, fil-Komunità.
135. 3. Għall-għan tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u f'Melilla, dan il-Protokoll għandu jaapplika mutatis mutandis soġġett għall-kundizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikolu 38.

*Artikolu 38*

#### **Kundizzjonijiet speċjali**

136. 1. Sakemm ikunu ġew trasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13, dawn li ġejja għandhom jiġu meqjusa bħala:
  - (1) prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla:
  - 136.1. (a) prodotti li nkisbu totalment f'Ceuta u Melilla;
  - 136.2. (b) prodotti miksuba f'Ceuta jew f'Mellilla li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw prodotti diversi minn dawk imsemmija f'(a), sakemm:
  - 136.2.1. (i) il-prodotti msemmija ikunu ġew maħduma jew proċessati suffiċċientement fis-sens tal-Artikolu 6;
  - 136.2.2. jew
  - 136.2.3. (ii) Dawk il-prodotti li joriġinaw fis-Sirja jew fil-Komunità, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lilhinn minn dawk l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7.
  - (2) prodotti li joriġinaw fis-Sirja:
  - 136.3. (a) prodotti miksuba kollha kemm huma fis-Sirja;
  - 136.4. (b) prodotti miksuba fis-Sirja li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti li mhux dawk imsemmija f'(a), sakemm:
  - 136.4.1. (i) il-prodotti msemmija ikunu ġew maħduma jew proċessati suffiċċientement fis-sens tal-Artikolu 6;
  - 136.4.2. jew

- 136.4.3. (ii) dawk il-prodotti jkunu joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fil-Komunità, sakemm ikunu ġew suġġetti għal ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7
137. 2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.
138. 3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iniżżlu 'Sirja' u 'Ceuta u Melilla' fil-Kaxxa Nru 2 taċ-ċertifikat ta' ċaqliq EUR.1 jew EUR-MED jew fuq dikjarazzjonijiet ta' fattura jew dikjarazzjonijiet ta' fattura EUR-MED. Addizzjonalment, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla, dan għandu jiġi indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED jew fdikjarazzjonijiet ta' fatturi jew fdikjarazzjonijiet ta' fatturi EUR-MED.
139. 4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbi mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u Melilla.

## TITOLU VIII

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 39*

#### **Emendi għall-Protokoll**

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 40*

#### **Dispożizzjoni ta' tranżizzjoni għal oġġetti li qegħdin jinġarru jew qegħdin maħżuna**

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu jkunu applikati għal oġġetti li jkunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li, fid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan il-Ftehim, ikunu fi transitu jew ikunu fil-Komunità jew fis-Sirja maħżuna b'mod temporanju f'imħażen tad-dwana jew f'żoni ħielsa, sakemm ċertifikat ta' ċaqlieq EUR.1 jew EUR-MED, maħrūg b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur ikun sottomess lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur fi żmien erba' xhur mid-data msemmija, flimkien mad-dokumenti li juru li l-oġġetti jkunu ġew trasportati direttament skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 13.

#### **ANNESS I**

#### **NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II**

##### **Nota 1:**

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-prodotti kollha jitqiesu maħdumin jew proċessati suffiċientement fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Protokoll.

##### **Nota 2:**

2.1. L-ewwel żewġ kolonna fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-oġġetti użata f'dik is-sistema għal dik l-

intestatura jew il-kapitolu. Għal kull nota fl-ewwel żewġ kolonni hemm regola speċifikata fil-kolonna 3 jew 4. Meta, f'xi każijiet, in-nota fl-ewwel kolonna hija pprecieduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għal parti minn dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestatura ikunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' kapitolo u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn ikun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż jikkontjeni deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regoli ta' ma' ġenbhom fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Fejn, għal entratura fl-ewwel żewġ kolonni, regola tkun speċifikata kemm fil-kolonna 3 kif ukoll fil-kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola mniżżla fil-kolonna 3 jew dik imniżżla fil-kolonna 4. Jekk l-ebda regola ta' oriġini ma tingħata fil-kolonna 4, ir-regola stipulata fil-kolonna 3 għandha tapplika.

### **Nota 3:**

3.1. Id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Protokoll, dwar il-prodotti li jkunu akkwistaw status ta' oriġini li huma użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw, mingħajr ma jingħata każ ta' jekk l-istatus kienx akkwistat fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew ffabbrika oħra ta' parti kontrattanti.

#### *Eżempju:*

Magna taħt l-intestatura 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jkunu nkorporati ma jistgħax ikun aktar minn 40% tal-prezz mill-fabbrika, hija magħmulu minn "liga tal-azzar oħra, iffurmata bejn wieħed u ieħor fil-forġa" taħt l-intestatura ex7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fil-Komunità minn ingott li ma joriġinax, tkun digħi akkwistaw status ta' oriġini permezz tar-regola tal-intestatura ex7224 fil-lista. Ixxogħol tal-forġa, b'hekk, ikun jista' jitqies bħala li joriġina fil-kalkulazzjoni tal-valur tal-magna, mingħajr ma jingħata każ jekk kienitx prodotta fl-istess fabrika jew f'xi fabbrika oħra fil-Komunità. Il-valur tal-ingott li ma joriġinax, għalhekk, ma jitqiesx waqt l-għadd tal-valur tal-materjali li ma joriġinawx użati.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' xogħol jew proċessar meħtieġ, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew proċessar ukoll jagħti status oriġinarju; minna ħa l-oħra, jekk isir anqas xogħol jew ipproċessar ma jkunx jista' jingħata status ta' oriġini. B'hekk, jekk xi regola tiprovdli li materjal li ma joriġinax jista' jintuża fċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta' tali materjal fi stadju preċedenti huwa permess waqt li l-użu ta' tali materjal fi stadju sussegwenti ma huwiex permess.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, fejn regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe intestatura", ikun jistgħu jintużaw materjali taħt kwalunkwe intestatura (anki materjali tal-istess intestatura u deskrizzjoni bħall-prodott), suġġett, iżda, għal kwalunkwe limitazzjoni speċifika li tista' wkoll tinsab fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni “Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-intestatura ...” jew “Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-istess intestatura tal-prodott” tħisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintużaw materjal wieħed jew aktar minn wieħed. Ma jistipulax li jridu jintużaw kollha.

*Eżempju:*

Ir-regola dwar tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovd li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjali kimiċi, fost affarrijiet oħra, jistgħu jintużaw. Dan ma jfissirx li jridu jintużaw it-tnejn; jista' jintużaw wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun immanifatturat minn materjal partikolari, il-kundizzjoni ovvijament ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt, dwar it-tessuti).

*Eżempju:*

Ir-regola dwar ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew materjal derivat minnhom, ma timpedix l-użu ta' melħ minerali, kimiċi u addittivi oħra li ma humiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu manifatturati mill-materjal partikolari speċifikat fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn xi materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri ta' manifattura.

*Eżempju:*

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies taħt l-ex Kapitolu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma li ma joriġinawx għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux, normalment, isiru minn dawn il-ħjut mibruma. F'każjiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu, normalment, ikun l-istadju ta' qabel il-ħjut mibruma, jiġifieri l-istadju ta' fibri.

3.6. Fejn, fregola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għal-valur massimu ta' materjal mhux-oriġinarju li jista' jintużaw', dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali li ma joriġinawx qatt ma jista' jaqbeż l-ġħola wieħed mill-persentaġġi murija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali m'għandhomx jinqabżu, fir-rigward tal-materjal partikolari li għalihi japplikaw.

#### **Nota 4:**

4.1. It-terminu "fibri naturali" jintużaw fil-lista bħala referenza għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadju ta' qabel ma jsir il-brim, jinkludi l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri naturali li kienu mqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux mibruma.

4.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi xahar taż-żiemel skont l-intestatura 0503, ħarir skont l-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf u suf tal-annimali fin jew

oħxon skont l-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton skont l-intestaturi 5201 sa 5203 u fibri veġetali oħra skont l-intestaturi 5301 sa 5305.

4.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjal kimiku" u "materjal li minnu ssir il-karta" jintużaw fil-lista sabiex jiddeskrivu l-materjal, mhux klassifikat fil-Kapitoli 50 sa 63, li jista' jintuża għall-manifattura ta' fibri artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.

4.4. It-terminu "fibri magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista bħala referenza għal stoppa ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

#### **Nota 5:**

5.1. Fejn, għal xi prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m'għandhomx jaapplikaw għal kwalunkwe materjal bażiku tat-tessuti użat fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meħud kollu f'daqqa, jirrappreżenta 10 % jew anqas tal-piż totali tal-materjal bażiku tat-tessuti li jkun intuża. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Iżda, it-tollerenza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tkun applikata biss għall-prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali bażiċi tat-tessuti:

- ħarir,
- suf
- ix-xagħar aħrax tal-annimali,
- ix-xagħar fin tal-annimali,
- il-krin,
- qoton,
- il-materjal li minnu ssir il-karta u karta,
- flax
- qanneb veru,
- il-ġuta jew fibri tessili oħrajn tat-tilju,
- is-sidal u fibri tessili oħrajn tal-familja Agave,
- il-fibri tal-ġewż tal-Indi, l-abaka u tessuti veġetali oħra,
- il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- filamenti li jgħaddi minnhom l-elettriku,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polypropylene magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyester magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyamide magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyacrylonitrile magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyamide magħmula mill-bniedem,

- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polytetrafluoroethylene magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poly(phenylene sulphide) magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poly(vinyl chloride) magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-visk magħmula mill-bniedem,
- il-fibri oħra artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- il-ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polijetere, sew jekk gimped kif ukoll jekk le,
- il-ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polyester, sew jekk gimped kif ukoll jekk le,
- il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħajt metallizzat) li jinkorporaw strippa li tikkonsisti f'qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju sew jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, miżmuma permezz ta' kollha trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik.
- prodotti oħra tal-intestatura 5605.

*Eżempju:*

Ħjut mibruma, tal-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri bażiċi sintetiċi tal-intestatura 5506 huma ħjut mibruma mħallta. Għalhekk, fibri bażiċi sintetiċi li ma joriġinawx u ma jissodisfawx ir-regoli dwar l-oriġini (li jitkolbu manifattura minn materjali kimiċi jew għażna għat-tessuti) jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10% tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

*Eżempju:*

Tessut tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħjut mibruma tas-suf tal-intestatura 5107 u ħjut mibruma sintetiċi ta' fibri bażiċi tal-intestatura 5509 huwa tessut imħallat. Għalhekk, ħjut mibruma sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jitkolbu manifattura minn materjali kimiċi jew għażna għat-tessuti), jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jitkolbu manifattura minn fibri naturali li ma jkunux mqardxa, mimxuta jew ippreparati għall-brim b'xi mod ieħor), jew kombinament tat-tnejn, jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10% tal-piż totali tat-tessut.

*Eżempju:*

Tessut minsuġ bil-pil, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut tal-qoton tal-intestatura 5219, ikun prodott imħallat biss jekk it-tessut tal-qoton innifsu huwa tessut imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton huma taħlita huma stess.

*Eżempju:*

Jekk it-tessut minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut

mibruma użati huma żewġ materjali tat-tessuti bażiċi separati u t-tessut minsuġ bil-pil huwa, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat b'segmenti flessibbli ta' polyether, sew jekk gimped kif ukoll jekk le", din it-tolleranza hija ta' 20 % fir-rigward ta' dan il-ħajt.

